2025/90901

5.12.2025

Rettifika tar-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/1679, it-28 ta' Ġunju 2024)

1. Fil-paġna 23, fl-Artikolu 8(5),

minflok: "5. L-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni tiddependi mill-grad ta' maturità tagħhom, mill-konformità mal-proċeduri legali nazzjonali u dawk tal-Unjoni, u mid-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr ma jiġi preġudikat l-impenn finanzjarju tal-Stat Membru jew tal-Unjoni.",

aqra: "5. L-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni tiddependi mill-grad ta' maturità tagħhom, mill-konformità mal-proċeduri legali tal-Unjoni u dawk nazzjonali, u mid-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr ma jiġi preġudikat l-impenn finanzjarju ta' Stat Membru jew tal-Unjoni.".

2. Fil-paġna 24, fl-Artikolu 9(2),

minflok: "2. L-Anness IV jistabbilixxi mapep indikattivi tan-network trans-Ewropew tat-trasport estiż għal pajjiżi ġirien speċifiċi, li jispeċifikaw, fejn ikun applikabbli, network ewlieni u network komprensiv f'konformità mal-kriterji ta' dan ir-Regolament.",

aqra: "2. L-Anness IV jistabbilixxi mapep indikattivi tan-network trans-Ewropew tat-trasport estiż għal pajjiżi ġirien speċifiċi, li jispeċifikaw, fejn ikun applikabbli, network ewlieni, network ewlieni estiż u network komprensiv f'konformità mal-kriterji ta' dan ir-Regolament.".

3. Fil-paġna 27, fl-Artikolu 14(1), il-punt (d),

minflok: "(d) il-konnessjonijiet tar-rotot ta' aċċess ferrovjarju sat-terminals multimodali tal-merkanzija konnessi bil-ferrovija, inkluż il-ferroviji, ir-rotot ta' aċċess sat-terminals multimodali tal-merkanzija f'portijiet interni u marittimi (…)",

aqra: "(d) il-konnessjonijiet tar-rotot ta' aċċess ferrovjarju sat-terminals multimodali tal-merkanzija konnessi bil-ferrovija, inkluż ir-rotot ta' aċċess ferrovjarju sat-terminals multimodali tal-merkanzija f'portijiet interni u marittimi (…)".

4. Fil-paġna 28, fl-Artikolu 15(7),

minflok: "7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu għal raġunijiet ta' restrizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi jew fiżiċi sinifikanti (…)",

aqra: "7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, fuq talba ta' Stat Membru, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu eżenzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 2 sa 5 għal raġunijiet ta' restrizzjonijiet speċifiċi ġeografiċi jew fiżiċi sinifikanti (…)".

5. Fil-paġna 55, l-Artikolu 45, it-tieni paragrafu,

minflok: "Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-infrastruttura tat-trasport korrispondenti tista':

(i) tinkludi aċċess għall-grilja, pipelines u faċilitajiet oħra meħtieġa għall-provvista tal-enerġija;

(ii) tqis l-interfaċċa bejn l-infrastruttura u l-vettura, inkluż l-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali;

(iii) tinkludi sistemi tal-ICT għat-trasport;

(iv) taġixxi bħala ċentru tal-enerġija biex isservi modi differenti ta' trasport, sabiex il-produzzjoni lokali ta' enerġija nadifa tiġi konnessa ma' applikazzjonijiet ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero; u

(v) tikkontribwixxi wkoll għall-varar ta' teknoloġiji oħra li jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija.",

aqra: "Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel paragrafu, l-infrastruttura tat-trasport korrispondenti tista':

(a) tinkludi aċċess għall-grilja, pipelines u faċilitajiet oħra meħtieġa għall-provvista tal-enerġija;

(b) tqis l-interfaċċa bejn l-infrastruttura u l-vettura, inkluż l-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali;

(c) tinkludi sistemi tal-ICT għat-trasport;

(d) taġixxi bħala ċentru tal-enerġija biex isservi modi differenti ta' trasport, sabiex il-produzzjoni lokali ta' enerġija nadifa tiġi konnessa ma' applikazzjonijiet ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero; u

(e) tikkontribwixxi wkoll għall-varar ta' teknoloġiji oħra li jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija.".

6. Fil-paġna 56, fl-Artikolu 48(1),

minflok: "1. Meta jibnu jew jimmodernizzaw l-infrastruttura fuq dawk il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport li jikkoinċidu man-network tat-trasport militari identifikat fir-'Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha' approvati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023 u fit-23 ta' Ottubru 2023 u fi kwalunkwe dokument sussegwenti li jirrevedi dawk ir-rekwiżiti approvati minn hemm' il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa, ir-rilevanza u l-fattibbiltà li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, għall-fini li jiġu akkomodati l-piż, id-daqs jew l-iskala tat-trasport militari ta' truppi u ta' materjal.",

aqra: "1. Meta jibnu jew jimmodernizzaw l-infrastruttura fuq dawk il-partijiet tan-network trans-Ewropew tat-trasport li jikkoinċidu man-network tat-trasport militari identifikat fir-'Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha' approvati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023 u fit-23 ta' Ottubru 2023 u fi kwalunkwe dokument sussegwenti li jirrevedi dawk ir-rekwiżiti approvati minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa, ir-rilevanza u l-fattibbiltà li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament, għall-fini li jiġu akkomodati l-piż, id-daqs jew l-iskala tat-trasport militari ta' truppi u ta' materjal.".

7. Fil-paġna 58, fl-Artikolu 52(5), il-punt (b),

minflok: "(b) ifasslu pjan ta' ħidma flimkien mal-Istati Membri kkonċernati u, fejn ikun rilevanti, f'konsultazzjoni mal-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 54;",

aqra: "(b) ifasslu pjan ta' ħidma flimkien mal-Istati Membri kkonċernati u, fejn ikun rilevanti, f'konsultazzjoni mal-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport, u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-Artikolu 54".

8. Fil-paġna 58, fl-Artikolu 52(5), il-punt (d),

minflok: "(d) jirrapportaw lill-Istati Membri, lill-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport lill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (…)",

aqra: "(d) jirrapportaw lill-Istati Membri, lill-pajjiżi ġirien li huma parti mill-Kurituri Ewropej tat-Trasport, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni (…)".

9. Fil-paġna 73, fl-Artikolu 67, il-punt 15(b), fl-emenda għall-Artikolu 20(6) tar-Regolament (UE) Nru 913/2010,

minflok: "6. Kwalunkwe rappreżentant assoċjat ta' maniġers tal-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 40(1) u (2) tad-Direttiva 2012/34/UE għandu jiżgura l-għoti, mingħajr dewmien, tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu ttrattati l-ilment jew l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu (…)",

aqra: "6. Kwalunkwe rappreżentant assoċjat ta' maniġers tal-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 40(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2012/34/UE għandu jiżgura l-għoti, mingħajr dewmien, tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu ttrattati l-ilment jew l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu (…)".

10. Fil-paġna 127, fl-Anness II, fil-kolonna taħt l-intestatura "ISEM TAN-NODU",

minflok: "Flörsheim am Rhein",

aqra: "Flörsheim am Main".

11. Fil-paġna 149, fl-Anness II, fir-ringiela għal Cremona, fil-kolonna taħt l-intestatura "TERMINALS FERROVJARJI/ TERMINALS TUL L-IWW",

minflok: "Komprensiv (PBL), komprensiv (Piadena)",

aqra: "Komprensiv (PLB), komprensiv (Piadena)".

12. Fil-paġna 151, fl-Anness II, fir-ringiela għal Novara, fil-kolonna taħt l-intestatura "TERMINALS FERROVJARJI/TERMINALS TUL L-IWW",

minflok: "Ewlieni (Novara-Agonate)",

aqra: "Ewlieni (Novara-Agognate)".

13. Fil-paġna 162, fl-Anness II, fir-ringiela għal Braga, l-entrata fil-kolonna taħt l-intestatura "TERMINALS FERROVJARJI/TERMINALS TUL L-IWW" hija mħassra.

14. Fil-paġna 163, fl-Anness II, fir-ringiela għaż-Żona Metropolitana ta' Porto,

minflok:

	"Iż-Żona Metropolitana ta' Porto	X	Ewlieni (Sá Carneiro)	Ewlieni (Leixoes	Ewlieni	Ewlieni (Leixoes, Valongo, Vila Nova de Gaia)"

aqra:

	"Iż-Żona Metropolitana ta' Porto	X	Ewlieni (Sá Carneiro)	Ewlieni (Leixões)	Ewlieni	Ewlieni (Leixões, Valongo, Vila Nova de Gaia)"

15. Fil-paġna 163, fl-Anness II, fir-ringiela għal Vila Nova de Famalicão, fil-kolonna taħt l-intestatura "TERMINALS FERROVJARJI/TERMINALS TUL L-IWW" tiżdied l-entrata li ġejja:

"Komprensiv (Lousado)"

16. Fil-paġna 164, fl-Anness II, fil-kolonna taħt l-intestatura "ISEM TAN-NODU",

minflok: "Cernavoda",

aqra: "Cernavodă".

17. Fil-paġna 165, fl-Anness II, fil-kolonna taħt l-intestatura “ISEM TAN-NODU”,

minflok: “Oltenţa”,


aqra: “Olteniţa”.

18. Fil-paġna 165, fl-Anness II, fil-kolonna taħt l-intestatura “ISEM TAN-NODU”,

minflok: “Piatra Neamt”,

aqra: “Piatra Neamţ”.


19. Fil-paġna 172, fl-Anness III, Tabella għat-Tiftix tal-mapep għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport, *minflok:*



Il-partijiet tal-mappa li jappartjenu għall-allinjament tal-kuritur f'pajjiżi terzi huma

aqra:

Tabella għat-Tiftix tal-Mapep għall-Kurituri Ewropej tat-Trasport



Il-partijiet tal-mappa li jappartjenu għall-allinjament tal-kuritur f'pajjiżi terzi huma indikattivi.


20. Fil-paġna 203, fl-Anness IV, it-Tabella għat-Tiftix tal-Mapep għal Pajjiżi ġirien,

minflok:



aqra:

Tabella għat-Tiftix tal-Mapep għal Pajjiżi Ġirien



21. Fil-paġna 205, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Ferroviji tal-merkanzija, portijiet u terminals stradali-ferrovjarji (RRT),

minflok:



aqra:

Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Ferroviji tal-merkanzija, portijiet u terminals stradali-ferrovjarji (RRT)
Norveġja / Iżlanda



22. Fil-paġna 207, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals-stradali ferrovjarji u ajruport,

minflok:



aqra:


Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals-stradali ferrovjarji u ajruport
Norveġja / Iżlanda
A
N
Oulu
Umeå
Sundsvall
Tampere
Lahti
Turku
Gävle
Uppsala
Västerås
Eskilstuna
Stockholm
Örebro
Södertälje
Linköping
Jönköping
Borås
Göteborg
Helsingborg
Ewlieni tat-Toroq
Triq
Triq / Kostr. Ġdida
Ewlieni Estiż tat-Toroq
Triq
Triq / Kostr. Ġdida
Komprensiv tat-Toroq
Triq
Triq / Kostr. Ġdida
Proġettati
Komprensiv Ewlieni
Portijiet
RRT
Ajruporti
Nodi Urbani
Bliet Kapitali
Nodi Urbani
TENtec

23. Fil-paġna 213, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, u terminals-stradali ferrovjarji,


minflok:



aqra:

Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Merkanzija bil-ferrovija, portijiet u terminals stradali-ferrovjarji(RRT)
Reġjun tal-Balkani tal-Punent

C



24. Fil-paġna 214, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals-stradali ferrovjarji u ajruporti,

minflok:



aqra:

Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Ferroviji tal-passiġġieri u ajruporti **Reġjun tal-Balkani tal-**

C



25. Fil-paġna 215, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals-stradali ferrovjarji u ajruporti,

minflok:



aqra:


Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals stradali-ferrovjarji u ajruporti
Reġjun tal-Balkani tal-Punent

C



26. Fil-paġna 217, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet u terminals-stradali ferrovjarji,

minflok:



aqra:

Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Girien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Linji ferrovjarji, portijiet u terminals stradali-ferrovjarji (RRT)
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Moldova / Ukrajna

D



27. Fil-paġna 218, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals-stradali ferrovjarji u ajruporti,

minflok:



aqra:

Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals stradali-ferrovjarji u ajruporti
Network tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: Moldova / Ukrajna

D



28. Fil-paġna 220, fl-Anness IV, l-Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals-stradali ferrovjarji u ajruporti,

minflok:



aqra:

Estensjoni Indikattiva għal Pajjiżi Ġirien
Network Ewlieni u Network Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals ferrovjarji u ajruporti
Sħubija tal-Lvant Armenja /Ażerbajġan / Georgia

E



29. Fil-paġna 225, l-Anness V, il-paragrafu 1, l-ewwel sentenza,

minflok: "1. Għanijiet u objettivi: jenħtieġ li pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP) ikollu bħala l-għan ċentrali tiegħu t-titjib fiż- żona urbana funzjonali l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, fosthom persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, u l-forniment ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ta' kwalità għolja, sikura u sostenibbli, fiż-żona urbana funzjonali u li tgħaddi minnha, filwaqt li jitqies ir-rwol li t-trasport pubbliku l-mobbiltà attiva jistgħu jaqdu għal dan il-għan.",

aqra: "1. Għanijiet u objettivi: jenħtieġ li pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP) ikollu bħala l-għan ċentrali tiegħu t-titjib fiż- żona urbana funzjonali l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, fosthom persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, u l-forniment ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ta' kwalità għolja, sikura u sostenibbli, fiż-żona urbana funzjonali u li tgħaddi minnha, filwaqt li jitqies ir-rwol li t-trasport pubbliku u l-mobbiltà attiva jistgħu jaqdu għal dan il-għan.".